MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Awwissu, 2009

Numru. 882/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Ismael Abubaker ta' 32 sena imwieled Sudan fi 01/12/1976 ta' nazzjonalita Sudaniza residenti Hal-Far Open Centre bin-numru tal-pulizija O6TT-33. Bla dokumenti**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat Ismael Abubaker u cioe` talli nhar id-19 ta' Mejju, 2009, u fix-xhur ta' wara kif ukoll ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, ghamel delitt billi attenta jimbarka minn Malta minghajr ma kellu passaport u minghar ma ta lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg u dan bi ksur ta'

Artikolu 28 tal-Kap 217 ta' Ligijiet ta' Malta kif ukoll tal-Artikolu 41(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat u l-fatt li huwa ikkollabora mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet taghhom u ghadu qieghed jassisti lill-istess pulizija.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-artikoli 28 tal-Kapitolu 217 u l-artikolu 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mill-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna finalment tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti tigi notifikata lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------